**347. Il-Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur ippropona:**

Billi fil-21 ta' Mejju 1991 (seduta Nru 525) il-Kamra approvat Riżoluzzjoni taħt il-provediment tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, il-kirja ta' għoxrin (20) sena, il-Fortizza ta' Pembroke u art f'Pembroke, lill-Verdala International School Foundation, liema kirja kienet effettiva mill-1 ta' Ottubru 1978;

U billi l-kirja skadiet fit-30 ta' Settembru 2007 u l-Verdala International School Foundation talbet sabiex tingħata kirja aktar fit-tul peress li għamlet investiment fil-proprjetà u beħsieba tagħmel aktar investiment, il-Gvern aċċetta li jilqa' t-talba;

Għalhekk il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens għall-ħamsa u sittin (65) sena lill-Verdala International School Foundation, il-Fortizza ta' Pembroke u art kif inhuma deskritti aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268, Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Fortizza ta' Pembroke u l-art f'Pembroke kif deskritti aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mogħtija b'ċens lill-Verdala International School Foundation għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

5.12.12